MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 162/2005

**A.**

**-vs-**

**Kuraturi**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fid-19 ta’ Mejju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-kontendenti izzewwgu fit-3 ta’ Gunju, 2000 biz-zwieg

civili, f’ pajjiz esteru fejn minn dan iz-zwieg kellhom tifel : Dok ‘A’.

Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, servizzi, minacci, insulti, eccessi u ingurji gravi da parti tal-konvenut kif ukoll minhabba abbandun totali tad-dar matrimonjali;

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata biex tippresenta din l-istanza, w dan kif titlob il-ligi stess : Dok 'B'.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut u dan ai finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap. 16) tistabilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda;

2. Tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut li hu r-ragel taghha;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja xierqa w adegwata illi tigi iffissata mill-istess Qorti, skond il-bzonnijiet tal-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-qorti;

4. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap. 16);

5. Tiddikjara xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti w tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjoni komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-

Qorti, in vista tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din

il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici w l-ohra lill-konvenut billi, occorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jippresenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

6. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha parafernali taghha w separatament tordna illi l-attur jigi moghti l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

7. Tiddikjara illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata esklussivament mill-attrici bl-eskluzzjoni tal-konvenut;

8. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti;

Bl-ispejjez kollha involuti kontra l-konvenut li minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fis-17 ta' Gunju, 2005 li permezz taghha l-konvenuti nomine eccepixxew:

Illi huma ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom aktar 'l quddiem.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta' l-attrici u omissis u d-dokumenti esebiti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Novembru, 2005 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni bejn il-partijiet.

Mil-provi jirrizulta li l-kontendenti zzewgu fl-2000 l-Ingilterra u kellhom tifel, li twieled fl-2001. Wara sitt xhur illi zzewgu gew Malta izda l-konvenut mill-ewwel wera l-intenzjoni tieghu li jerga' lura l-Ingilterra. *Nonostante* li l-attrici kienet tqila, huwa qabad u telaq minn Malta u l-ahhar li kellimha fuq it-telefon qalilha li ser jibda proceduri ta' divorzju, pero' ma tafx jekk fil-fatt dan ghamlux. Minn dakinhar tilfet kull kuntatt mieghu u qatt ma kkuntattjaha; naturalment lanqas manteniment qatt ma hallas. Illum tghix bl-assistenza socjali u effetti mbilli ftit li xejn ghandhom.

Il-Qorti tissimpatizza ma' l-attrici u jidher car illi l-ftit akkwisti li ghandha kollha huma frott il-hidma taghha wara li zewgha abbanduna lilha u lil binhom fl-2000 u cioe' ftit wara li zzewgu. L-Artikolu 48 (1) (c) jghid illi l-parti li tkun il-htija tal-firda titlef *kull jedd ta' parti miz-zwieg ghan-nofs ta' l-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-Qorti bhala d-data meta l-parti ghandha tkun konsidrata li minnha tkun hatja tal-firda. Ghall-finijet ta' dan il-paragrafu biex jigi determinat jekk akkwist ikunx sar l-iktar bil-hidma ta' wahda mill-partijiet fiz-zwieg ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skond l-Artikolu 3 ta' dan il-Kodici.* Huwa car illi l-konvenut ma kkontribwixxa xejn f'dan il-kaz.

Ghalkemm l-attrici talbet il-manteniment il-Qorti mhix f'posizzjoni li takkordalha dan ghaliex naturalment ma hemmx prova tal-qligh u ser thalli l-posizzjoni tal-attrici u binha mpregudikata sakemm ikollha din l-informazzjoni.

**Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk;**

**1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut u tistabilixxi ai fini ta' l-Artikolu 48 (c) l-1 ta' Jannar, 2001 bhala d-data meta l-konvenut kien hati tal-firda;**

**2. tawtorizza lill-attrici tghix ghal rasha;**

**3. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba sakemm l-attrici ikollha informazzjoni dwar il-qligh tal-konvenut;**

**4. tapplika fl-intier tieghu fil-konfront tal-konvenut id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16;**

**5. tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn l-attrici u zewgha u tiddikjara li l-oggetti mobbli kollha fid-dar konjugali huma proprjeta' ta' l-attrici; billi ma hemmx proprjeta' immobiljari fil-komunjoni ta' l-akkwisti tastjeni milli tiehu provvedimenti ohra fir-rigward;**

**6. tordna li l-attrici jkollha l-amministrazzjoni shiha tal-proprjeta' parafernali taghha u billi ma saritx prova tichad it-talba li l-konvenut jirritorna l-beni parafernali;**

**7. tawtorizza lill-attrici tghix fid-dar konjugali ad eskluzjoni tal-konvenut;**

**8. tilqa' t-tmien talba;**

**L-ispejjes jithallsu mill-konvenut izda l-attrici ghandha provizorjament thallas id-drittjiet u spejjes tal-kuraturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------